MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2001

Numru 56/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Cordina)**

**vs**

**Nazzareno Vella ta’ 48 sena, iben Francis u Carmena nee Grech, imwieled Qormi, fit-28 ta’ Lulju, 1952, residenti fl-indirizz: 34, Flat 1, Sqaq Britanniku, Tarxien, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 576752(M).**

**Illum 21 ta’ Mejju, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Nazzareno Vella li gie akkuzat talli fil-31 ta’ Awissu 1996 jew fil-granet ta’ wara, fin-Naxxar jew fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi

skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz. Dan bi ksur ta' l-artiklu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess cirkustanzi xjentement ghamel uzu mill-att, kitba jew skrittura falza. Dan bi ksur ta' l-artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lil Nazzareno Vella ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji ( a fol 10).

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri. Rat ukoll illi fil-verbal tas-16 ta' Mejju, 2001, huwa ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat.

Illi apparti l-ammissjoni registrat kif premess, l-akkuzat kien gia a tempo vergina fl-istqarrija tieghu ammetta l-involviment tieghu fir-reati in dizamina. Ta' importanza ukoll li ma giex kontradett li l-akkuzat hallas il-flus mertu tal-loan li kien ha mill-bank.

In vista ta' dak kollu premess, wara li rat l-artikoli 183 u 184 tal-kap 9, qed issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena, rat ukoll il-fedina penali ta' l-akkuzat, ikkonsidrat l-ammissjoni bikrija tieghu, ikkonsidrat ukoll illi r-reati minnu kommessi anke huma punibbli b'rekluzjoni ghalhekk l-istess ligi ma tihux l-azzjonijiet kontemplati taht l-imsemmija artikoli tal-Kap 9 bhala reati leggeri. Rat ukoll

l-artikoli 17 tal-Kap 9, tqis li in vista ta’ l-ammissjoni u l-pagamenti gia msemmija l-piena mposta fuq Nazzareno Vella ghandha tkun ta’ sentenza sospiza wara li rat l-artikolu 28A tal-kap 9, tikkundannah ghal sentejn habs sospizi ghal erba’ snin.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.